By the present the Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, refers to the premises Block 10, Flat 10, Triq it-Tramuntana, Valletta.

That from various reports received by the Authority and from subsequent investigations carried out by the Housing Authority it appears that you have damages in the premises leased to you as a consequence of which water percolation is being caused in adjacent property, property administered by the interpellant Authority, so much so that damages are being caused in the same property;

That although you were solicited several times it appears that you are still in default since the water ingress is still persistent, with the result that further damages are being caused to the property administered by the Housing Authority and also to third parties. This besides health and sanitation problems which this same percolation is creating;

That in terms of the lease agreement signed by you, you have the obligation to carry out any necessary maintenance in your premises so that it is kept in good condition and thus your present action is leading to a flagrant breach of the same lease agreement;

That by means of this letter, the Housing Authority calls upon you so that within one week from the notification of this judicial letter you carry out all the necessary repair works to remedy the cause of percolation of water as well as carry out the necessary works to restore the same premises in a state of good condition and thus no damage will continue to be caused to the adjacent property.

In case you do not abide with this letter and do the necessary repairs by you, the Authority is from now on pledging you in a state of dolo, Moro and culpa for all intents and purposes of law and for any damages which have been caused and which may still be caused due to the percolation of water from your property to the property of the Housing Authority. This is reserved for further legal action due to the same Authority, including criminal proceedings.

Tant sabiex tiġi formalment notifikat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u tal-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that it be formally notified for all intents and purposes of law and of Article 2128 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself

Registry of the Superior Courts today 1st December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2443

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 65/2023, fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited vs Daniela Borg Briffa et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Daniela Borg Briffa u Kevin Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 et sequitur.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 6 ta' Jannar, 2023

Lil Daniela Borg Briffa (KI 0052792M) ta' Lower Deck, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard

Kevin Borg (Ki 0192679) ta' Lower Deck, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard

Permezz tal-preżenti Atlas Insurance PCC Limited (C5601) ta' 50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fid-19 ta' Ġunju, 2022, fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, meta waqt li inti Kevin Borg kont qiegħed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KEV 020, appartenenti lilek Daniela Borg Briffa, ħbatt mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBW 872 li kienet ipparkjata, appartjenenti lil terzi.

Is-soċjetà mittenti tirrileva li, in vista tal-fatt li inti Kevin Borg ma kontx persuna awtorizzta ssuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KEV 020, liema sewwieqa hekk awtorizzati kienu speċifikament indikati fil-polza għall-fini ta' kopertura, intom it-tnejn prekluż milli tinvokaw l-istess polza sabiex tkopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi inċident.

Is-soċjetà mittenti tgħarrafkom li t-terz u l-assikurazzjoni tiegħu (debitament surrogata minnu) ippreżentaw ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Novembru, 2022, fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Kevin Borg et fejn qegħdin iżommu lilek Kevin Borg responsabbli għall-inċident fuq riferit u qegħdin jitolbu l-kundanna tiegħek u tas-soċjetà mittenti bħala assikuratur konċernat għall-ħlas

By means of a decree of the 4th August, 2023, of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 65/2023, in the names Atlas Insurance PCC Limited vs Daniela Borg Briffa et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Daniela Borg Briffa and Kevin Borg in terms of Article 187(3) of Cap. 12 et sequitur.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 6th January, 2023

To Daniela Borg Briffa (ID 0052792M) of Lower Deck, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard

Kevin Borg (ID 0192679M) of Lower Deck, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard

By the present Atlas Insurance PCC Limited (C5601) of 50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, makes reference to the car accident that occured on the 19th June, 2022, in Triq San Ġorġ, St Julian's, whilst you Kevin Borg was driving the vehicle with registration number KEV 020, property of Daniela Borg Briffa, and was involved in a collision with the vehicle with registration number DBW 872, that was parked, belonging to third party.

The interpellant company points out that, in view of the fact that you Kevin Borg was not an authorised person to drive the vehicle with registration number KEV 020, which drivers so authorised were specifically indicated in the policy for the purpose of cover, you are both precluded from invoking the same policy to cover any rights or obligations arising from the said incident.

The interpellant company informs you that the third party and his insurance (duly subrogated by him) filed an official letter in the Court of Magistrates (Malta) on the 28th November, 2022, in the names Elmo Insurance Limited vs Kevin Borg et whereby they hold you Kevin Borg responsible for the incident above referred to and are demanding the condemnation of you and the interpellant

tad-danni li ġarrbu bħala konsegwenza tal-istess inċident ammontanti għal €1,130.43.

Dan premess is-soċjetà mittenti qiegħda tavżakom, minn issa li jekk it-terz li ġarrab id-danni fl-imsemmi inċident jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji kontrikom jew minn minnkom u javża lill-istess soċjetà mittenti kif jipprovdi l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew istitwiti tali proċeduri, liema avviż għandu l-effett li tkun obbligata skont il-liġi li tħallas lir-rikorrent d-danni, l-imgħax, l-ispejjeż ġudizzjarji u l-VAT skont sentenza li tkun deċiża kontrikom jew minn minnkom, liema sentenza tkun għaddiet in ġudikat, allura hija se tesiġi rifużjoni sħiħa mingħandkom, solidalment bejnietkom tal-istress danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u VAT.

Daqstant sabiex tagħrfu tidderiegu ruħkom.

Bl-ispejjes u bl-imgħax legali

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

company as insurer concerned for the payment of damages suffered as a consequence of the same incident amounting to €1,130.43.

This premised the interpellant company warns you, from now on that if the third party who suffered damages in the said incident institutes judicial procedures against you or any one of you and informs the same interpellant company as provided in Cap. 104 of the Laws of Malta that such procedures were instituted, which notice has the effect that it shall be obliged according to law to pay the applicant damages, interest, judicial expenses and VAT according to a judgement decided against you or by you, which judgement has passed on to you, then she will take full refund from you, in solidum between you of the same damages, interest, judicial expenses and VAT.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs and legal interest

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st Decmber, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2444

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Marzu, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3275/2022, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Carl-Bertil Hakansson, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carl-Bertil Hakansson a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 15 ta' Diċembru, 2022

Lil Carl-Bertil Hakansson (Passaport numru 84249412) ta' 4, Evenly Gardens, Triq Għonqa, Ix-Xagħra, Għawdex

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,903.67, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u

By means of a decree of the 24th March, 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3275/2022 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Carl-Bertil Hakansson the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carl-Bertil Hakansson in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 15th December, 2022

To Carl-Bertil Hakansson (Passport number 84249412) of 4, Evenly Gardens, Triq Għonqa, Xagħra, Gozo

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,903.67, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/

disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema ammont skont il-liġi relatat tas-servizzi utili bin-numru 411000083394 ossija dwar il-fond bl-indirizz 4, Evenly Gardens, Triq Għonqa, Ix-Xagħra, Għawdex.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding utility bills number 411000083394 regarding the premises 4, Evenly Gardens, Triq Għonqa, Xagħra, Gozo.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 1st December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2445

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1425/23, fl-ismijiet Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Saviour Galea, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Saviour Galea (KI 403277M) ta' Il-Ħannieqa, Sqaq Ta' Kalambrej, Birżebbuġa, fl-10 ta' Mejju, 2023, s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa minn din l-ittra, inti tħallas is-somma ta' €3,712.70 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei. Kull pagament għandu jiġi indirizzat lil Cashier Malta Government – Ministry for Health, u mibgħut/meħud fid-Dipartment tal-Finanzi fl-Isptar Mater Dei.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat lilek ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

By means of a decree given on the 12th October, 2023, in the records of the judicial letter number 1425/2023, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Saviour Galea, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Saviour Galea (ID 403277M) of Il-Ħannieqa, Sqaq Ta' Kalambrej, Birżebbuġa, on the 10th May, 2023, Permanent Secretary of the Ministry for Health of 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within one week from this letter you pay the amount of €3,712.70 representing overpayment done from Mater Dei Hospital. Any payment has to be addressed to the Cashier Malta Government – Ministry for Health, and sent/taken in the Finance Department of Mater Dei Hospital.

In default the interpellant shall proceed furtherly against you without further notice with the issuance of the opportune warrants according to law.

This letter is sent to you in terms of articles relative to the Civil Code (Cap. 16) of the Laws of Malta.

So much for your own guidance

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti sal-eventwali ħlas.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With interest and costs of this present till the effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 1st December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2446

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Novembru, 2023, mill-Qorti Prim'Awla fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 1315/2021, fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Raymond Bezzina et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Raymond Bezzina u Maria Dolores Bezzina a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet (kreditur) Michael Attard Limited (C32362) vs (debitur) Raymond Bezzina (KI 737262M) u Maria Dolores Bezzina (KI 170865M) fil-31 ta' Awwissu, 2021, ir-rikorrenti Michael Attard Ltd talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' qbid kontra l-imsemmi debituri għas-somma hawn isfel imsemmija u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura in esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv hawn isfel imsemmi.

Kreditu: sorti €110,040.10
Imgħax: €45,869.23 ikkalkulat mis-26 ta' April, 2016, id-data tal-kawża sal-lum oltre mgħaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv
Spejjeż: €11074.10 u €1491.10 VAT

Titolu eżekuttiv: Skont sentenza fl-10 ta' Ottubru, 2016, in parte u deċiża fis-7 ta' Mejju, 2018 (Rikors numru 338/16) fl-ismijiet fuq imsemmija li huwa appell li sar minn Maria Dolores Bezzina u (Rikors numru 338/16/2) fl-ismijiet fuq imsemmija li huwa appell li sar minn Raymond Bezzina

Illum 31 ta' Awwissu, 2021

Ippreżentant mill-Avukat Reuben Farrugia u l-PL Nicholette Aquilina

Mandat ta' Qbid

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

By means of a decree of the 10th November, 2023, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Warrant of Seizure number 1315/2021 in the names Michael Attard Limited vs Raymond Bezzina et the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Raymond Bezzina and Maria Dolores Bezzina in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the First Hall of the Civil Court, in the names (creditor) Michael Attard Limited (C32362) vs (debtor) Raymond Bezzina (ID 737252M) and Maria Dolores Bezzina (ID 170865M) filed on the 31st August, 2021, the applicant Michael Attard Ltd asked this Honourable Court:

To order the issue of a warrant of seizure against the said debtors for the amounts hereinafter mentioned and for the costs of this procedure, in execution of the executive title mentioned below.

Debt: Amount €110,040.10
Interest: €45,869.23 calculated from the 26th April, 2016, the date of the agreement till today besides further interest till the date of effective payment
Costs: €11074.10 and €1491.10 VAT

Executive title: according to a judgement of the 10th October, 2016, in part and decided on the 7th May, 2018, (Application number 338/16) in the names above mentioned which appeal was made by Maria Dolores Bezzina and (Application number 338/16/2) in the names above mentioned which appeal was made by Raymond Bezzina.

Today 31st August, 2021

Filed by Advocate Reuben Farrugia and LP Nicholette Aquilina

Warrant of Seizure

Republic of Malta

Court Warrant

To Marsahl of the Courts

Billi ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għal ordni infraskritt;

Int għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat li, mingħajr ebda dewmien, taqbad mingħand id-debitur hawn fuq imsemmi rahan li jiswa daqs id-dejn imsemmija fir-rikors flimkien mal-ispejjeż ta' dan il-mandat kemm-il darba ma jsirx il-ħlas jew ma titqigħedx fir-Reġistru ta' din il-Qorti s-somma msemmija bħal dejn.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, int għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey Duttur tal-Liġi tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 9 ta' Settembru, 2021

Kreditur: Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda

Debituri: 15, Medina, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar

Esekuzzjoni fuq oġġetti tad-dar u fuq lista ta' vetturi indikati fil-mandat

Qorti Prim'Awla

Imħallef: Ian Spiteri Bailey, LLD

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tilqa' t-talba.

Illum 9 ta' Settembru, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas the above application has been filed and it contains the elements required according to law for the issue of the orders herein contained;

You are, therefore, on the said application, hereby ordered to seize without delay from the debtor herein mentioned a pledge equivalent to the debt mentioned in the application together with the costs of this warrant should he fail to pay or deposit in the Registry of this Court the amount mentioned in the debts.

And after execution, or upon your meeting with any obstacle in the execution hereof, you shall forthwith report to this Court.

Given by the First Hall of the Civil Court and witnessed by Hon Mr Justice Ian Spiteri Bailey Doctor of Laws of the above mentioned Court.

Today 9th September, 2021

Creditor: Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda

Debtors: 15, Medina, Triq Ramon Perellos, St Paul's Bay

Execution on household items and on a list of vehicles as indicated in the warrant

In the First Hall of the Civil Courts

Judge: Ian Spiteri Bailey, LLD

The Court,

Saw the application,

Uphold the request.

Today 9th September, 2021

Registry of the Superior Courts, today 1st December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2447

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2023, fuq talba ta' Dott. Paul Gauci Maistre et noe ġie ordnat biex

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 12th January, 2023, following a request by Dr Paul Gauci Maistre

jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Carmelo Camilleri u/jew Pietro Calleja fl-atti taċ-ċedola numru 70/2023 fl-ismijiet Dott. Paul Gauci Maistre et noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 70/2023 tal-Avukat Dott. Paul Gauci Maistre (KI 299652M) f'ismu proprju u bħala mandatarju Anthony Gauci Maistre (Ki 765743M), Marceline Gauci Maistre (KI 701654M), l-Avukat Dott. Godfrey Gauci Maistre (KI 482740M), Joan Gauci Maistre (KI 173A), Petrina sive Pat Gauci Maistre (KI 521450M), John Gauci Maistre (KI 33448M u Ann Marie Gauci Maistre (KI 372959M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa taċ-ċens u subċens perpetwu impost fuq il-garage bil-gnien anness numru 17 qabel 11 Triq il-Konverzjoni San Pawl il-Baħar, preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-11 ta' Jannar 2023 fejn Avukat Dr Paul Gauci Maistre (KI 299652M) f'ismhu proprju u bħala mandatarju Anthony Gauci Maistre (KI 765743M), Marceline Gauci Maistre (KI 701654M), l-Avukat Dott. Godfrey Gauci Maistre (KI 482740M), Joan Gauci Maistre (KI 173A), Petrina sive Pat Gauci Maistre (KI 521450M), John Gauci Maistre (KI 33448M) u Ann Marie Gauci Maistre (KI 372959M) esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti flimkien huma s-sidien tal-garaxx bil-ġnien anness illum bin-numru 17 qabel 11, Triq il-Konverżjoni, San Pawl il-Baħar, liema proprjetà l-esponenti akkwistaw inkwantu għal terz mingħand Carmelina Gauci Maistre permezz ta' kuntratt tas-17 ta' Ġunju, 1989, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel u għar-rimanenti żewġ terzi permezz ta' wirt mingħand Giuseppina, Maria, Giovanna u l-Imħallef Agostino aħwa Gauci Maistre, Winefred Gauci Maistre, Marie Rosette Gauci Maistre u Joseph Gauci Maistre;

Illi l-garaxx inbena fuq parti mill-art li kienet ġiet akkwistata mingħand Antonio Cremona fil-25 ta' Lulju, 1946, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Catania (Dok. A) u hija suġġetta għaċ-ċens (subċens) annwu u perpetwu ta' tliet liri, xelin u nofs fi flus Maltin ekwivalenti għal €7.16 minn ħaġa oħra libera u franka. Antonio Cremona f'dan il-kuntratt intrabat li kull sena u għal dejjem ikompli jħallas huwa stess dan l-ammont taċ-ċens (subċens);

Illi l-esponenti ma jafux jekk dan iċ-ċens għadux dovut lill-eredi ta' Carmelo Camilleri u/jew is-subċens lill-eredi ta' Pietro Calleja, Nazzareno Muscat u Giorgio Sant jew jekk effetivament ġja ġie mifdi;

Illi l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà li jista' jkollhom jixtiequ jiddepożitaw

et noe vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Carmelo Camilleri and/or Pietro Calleja in the records of the schedule of deposit number 70/2023 in the names Dr Paul Gauci Maistre et noe vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 70/2023 in the name of Advocate Doctor Paul Gauci Maistre (ID 299652M) in his own name and as mandatory of Anthony Gauci Maistre (ID 765743M), Marceline Gauci Maistre (ID 701654M), Advocate Doctor Godfrey Gauci Maistre (ID 482740M), Joan Gauci Maistre 173A, Petrina sive Pat Gauci Maistre (ID 521450M), John Gauci Maistre (ID 33448M) u Ann Marie Gauci Maistre (ID 272959M) vs Deputy Curators to represent the unknown owners of the perpetual groundrent and subgroundrent of the garage with attached garden 17 before 11, Triq il-Konverzjoni, San Pawl il-Baħar filed in the First Hall of the Civil Court on the 11th January 2023 the applicants Advocate Doctor Paul Gauci Maistre (ID 299652M) in his own name and as mandatory of Anthony Gauci Maistre (ID 765743M), Marceline Gauci Maistre (ID 701654M), Advocate Doctor Godfrey Gauci Maistre (ID 482740M), Joan Gauci Maistre 173A, Petrina sive Pat Gauci Maistre (ID 521450M), John Gauci Maistre (ID 33448M) u Ann Marie Gauci Maistre (ID 272959M) respectfully submitted:

That the applicants together are the owners of the garage with the garden annexed today with number 17 before 11, Triq il-Konverżjoni, St Paul's Bay, which property the applicants acquired as for one third from Carmelina Gauci Maistre by means of a contract of the 17th June, 1989, in the records of Notary Gerard Spiteri Maempel and for the remaining two thirds by means of an inheritance from Giuseppina, Maria, Giovanna and Judge Agostino brothers Gauci Maistre, Winefred Gauci Maistre, Marie Rosette Gauci Maistre and Joseph Gauci Maistre;

That the garage was built on part of the land which was acquired from Antonio Cremona on the 25th July, 1946, by means of a contract in the records of Notary Francesco Catania (Doc. A) and is subject to the annual and perpetual groundrent (sub-groundrent) of three liri, shilling and a half in Maltese money equivalent to €7.16 from any other free and unencumbered. Antonio Cremona in this contract bounded himself that every year and forever he will continue to pay this amount of groundrent (sub-groundrent);

That the applicants do not know whether this groundrent is still due to the heirs of Carmelo Camilleri and/or the subgroundrent to the heirs of Pietro Calleja, Nazzareno Muscat and Giorgio Sant or whether effectively it has already been redeemed;

That the applicants in order to exonerate themselves from any responsibility they may wish to deposit the amount

l-ammont ta' €35.80 taħt l-Awtorità tal-Qorti rappreżentanti l-ammonti dovuti għall-pagament taċ-ċens (subċens) ta' ħames snin skont il-liġi;

Illi l-esponenti inoltre, sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà li jista' jkollhom jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dritt konċess lilhom ai termini tal-kuntratti tal-25 ta' Diċembru, 1945, u tad-19 ta' Novembru, 1945, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Francesco Catania u jifdu l-imsemmi ċens u subċens fl-intier tiegħu ta' €7.16 fuq il-garaxx bil-ġnien anness illum 17 qabel 11, Triq il-Konverżjoni, San Pawl il-Baħar, bir-rata ta' kapitalizzazzjoni ta' 2.5% skont il-kuntratti hawn imsemmija li jammonta għal €286.40.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom ai termina tal-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jifdu ċ-ċens u s-subċens gravanti fuq il-garaxx bil-ġnien anness illum numru 17 qabel 11, Triq il-Konverżjoni, San Pawl il-Baħar, u qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €322.20 rappreżentanti €35.80 bħala l-ammont dovut għall-pagament pendenti taċ-ċens ta' ħames snin u €286.40 dovut għall-fidi taċ-ċens fl-intier tiegħu dovuti lis-sidien mhux magħrufa taċ-ċens (subċens) impost fuq il-garaxx bil-gnien anness numru 17 qabel 11 Triq il-Konverżjoni, San Pawl il-Baħar, sabiex jiġu liberament żbankati mill-intimati kif fuq spjegat wara li jħallu d-debita riċevuta.

Esponenti: Ta' Catletti, Triq Tal-Milord, Bidnija limiti tal-Mosta

Notifiki: Direttur Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey. LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 12 ta' Jannar. 2023

of €35.80 under the authority of the Court representing the amounts due for the payment of the five year groundrent (subgroundrent) according to law;

That the applicants furthermore, in order to exonerate themselves from any responsibility they may wish to avail themselves of the right granted to them in terms of the contracts of the 25th December, 1945, and of the 19th November, 1945, both in the records of Notary Francesco Catania and redeem the said groundrent and sub groundrent in its entirety of €7.16 on the garage with the garden attached today 17 before 11 Triq il-Konverżjoni, St Paul's Bay, at the rate of capitalisation of 2.5% according to the contracts above mentioned amounting to €286.40.

Thus, the applicants in order to avail themselves of the right given to them in terms of Article 1501 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta are redeeming the groundrent and sub groundrent burdening the garage with annexed garden today number 17 before 11, Triq il-Konverżjoni, St Paul's Bay, and are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €322.20 representing €35.80 as the amount due for payment. pending the five year groundrent and €286.40 due for the redemption of the groundrent in its entirety due to the unknown owners of the groundrent (subgroundrent) imposed on the garage with annexed garden number 17 before 11 Triq il-Konverżjoni, St Paul's Bay, so that they be freely withdrawn by the respondents as above explained after leaving the due receipt.

Applicants: Ta' Catletti Triq Tal-Milord, Bidnija l/o Mosta

Notification: Director Public Registry, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey. LLD. Doctor of Laws.

Today 12th January. 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 1st December 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2448

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Novembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 465/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Stephania Grech, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Stephania Grech (KI 18372M) ta' Binja L, Entratura C, Flat 3, Misraħ il-Qalbiena Maltin, Ħaż-Żabbar, fit-3 ta' Marzu, 2021, J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tagħmillek referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnek numerati minn numru 38 san-numru 56, kopja ta' liema qed jiġu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar it-23 tax-xahar u ċjoè bejn t-23 ta' Awwissu 2019 u t-23 ta' Frar 2021 rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejt interpellat kemm-il darba, tinterpellak sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €3,107.64 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżak illi jekk tonqos milli tottempra ruħek mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini u effetti kollha tal-liġi, kun avżat illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżenta rikors sabiex topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tiegħek u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree of the 11th November, 2022, in the records of the judicial letter number 465/2021, in the names J. Zammit Limited vs Stephania Grech, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Stephania Grech (ID 18372M) of Binja L, Entratura C, Flat 3, Misraħ il-Qalbiena Maltin, Ħaż-Żabbar, on the 3rd March, 2021, J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 38 till 56, a copy of which is being attached with this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 23rd day of the month and that is between the 23rd August 2019 and 23rd February 2021 respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant company the total amount of €3,107.64 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant company warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the said bills of exchange in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

So much so may know how to proceed and regulate yourself.

With costs, including of this present against you and with legal interest from the date of expiry of the said bills of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the said bill of exchange executable in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 1st December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2449

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2023, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3506/2023, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Ivaylo Markov pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Ivaylo Markov pro et noe a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 10 ta' Awwissu, 2023

Lil Ivaylo Markov (KI 7204135426) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentenza tas-soċjetà Markov Commerc Limited (C60008) illum stralċjata mir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' 35, Mabrouk, Flat 4, Triq Amery, Tas-Sliema.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) minn notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €1,203,356.41 rappreżentanti ammont minnek dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 6th November, 2023, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3506/2023, in the names Commissioner for Revenue vs Ivaylo Markov pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent Ivaylo Markov pro et noe was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 10th Awwissu, 2023

To Ivaylo Markov (ID 7204135426) in his own name and also as director for and on behalf of the company Markov Commerce Limited (C60008) today wound up from the Companies Registry of 35, Marbrouk, Flat 4, Triq Amery, Tas-Sliema.

By the present the Commissioner for Revenue of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €1,203,356.41 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Registry of the Superior Courts today 1st December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2450

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Settembru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2157/2023, fl-ismijiet Marcelline Buhagiar vs Bianca Sima et, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Bianca Sima u Brandon Liam Morgan a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 11 ta' Lulju, 2023

Lil Bianca Sima u Brandon Liam Morga (KI 0337874A u 0337875A) ta' Flat 5, Portelli Court, 17, Triq il-Paġell, Buġibba

Permezz tal-preżenti Marcelline Buhagiar (KI 718248M) ta' 14, St Joseph, Triq l-Artillieri, Marsaskala, tinterpellakom sabiex fi żmien tlett ijiem min-notifika tal-preżenti, intom tħallsuha s-somma ta' €1,100 dovuti minnkom lilha bħala kera mill-4 ta' Ġunju sal-4 ta' Awwissu ta' din is-sena kurrenti, 2023, flimkien mas-somma ta' €300.92 jew ammont ieħor verjuri, dovuti lill-istess mittenti bħala rifużjoni ta' kontijiet ta' elettriku u ilma użati minnkom u mħallsin minnha, kollox fuq il-fond Flat 5, Portelli Court, 17, Triq il-Paġell, Buġibba, skont kuntratt ta' kera miftiehem bejnkom u l-mittenti.

Il-mittenti tavżakom illi, jekk jgħaddi inutilment iż-żmien lilkom konċess, hija se tkun kostretta tipproċedi kontrikom ulterjorment skont il-liġi, inkluż iżda mhux biss b'talba għat-terminazzzjoni tal-kirja u l-iżgumbrament tagħkom mill-fond indikat.

Din l-ittra ufficjali qiegħda ssir kif mitluba mil-liġi ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kodiċi (Kap. 16) sabiex il-mittenti turi biċ-ċar li fi ħsiebha żżomm il-jeddijiet tagħha.

Daqstant sabiex tagħrfu tirregolaw irwieħkom.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 22nd September, 2023, in the records of the judicial letter number 2157/2023, in the names Marcelline Buhagiar vs Bianca Sima et , the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Bianca Sima and Brandon Liam Morgan in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 11th July, 2023

To Bianca Sima and Brandon Liam Morgan (ID 0337874A and 0337875A) of Flat 5, Portelli Court, 17, Triq il-Paġell, Buġibba

By means of this present, Marcelline Buhagiar (ID 718248M) of 14, St Joseph, Triq l-Artillieri, Marsascala, solicits you so that within three days from notification of this present, you pay the amount of €1,100 due by you as rent from the 4th June till the 4th August of this current year, 2023, together with €300.92 or any other amount, due to the same interpellant as a refund of electricity and water bills used by you and paid by her, all on the premises Flat 5, Portelli Court, 17, Triq il-Paġell, Buġibba according to a lease agreement agreed between you and the interpellant.

The interpellant warns you that if the time given passes uselessly, it will be constrained to proceed further against you according to law, including not only by a request for the termination of the lease and your eviction from the premises indicated.

This judicial letter is being made as required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap 16) so that the interpellant clearly shows that she intends to keep her rights.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2451

